# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar Erbgha 30 ta' Mejju, 2001

**Numru : 35**
**Citaz. numru : 725/01/RCP**

**Citadel Insurance plc**

**vs**

**Bonspeed Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni attrici li bih is-socjeta` attrici wara li ppremettiet:

Illi li s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' elfejn u seba' mitt lira u hamsa u sittin centezmu (LM2700.65,0) rappresentanti prezz ta' "premiums" dovuti fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga fuq ordni u inkarigu tas-socjeta` konvenuta, kif jidher mill-Istatements hawn annessi markati dokument A u B.

Illi li ghalkemm mitluba biex thallas diversi drabi, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

U peress li l-kreditu tas-socjeta` attrici fis-somma ta' LM2700.65,0 hu cert, likwidu u esigibbli u sa fejn taf is-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta ma ghandha l-ebda difisa valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghal hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-Affidavit ta' Angela Tabone ir-rappresentant tas-socjeta` attrici, hawn anness Dok. X.

L-istess socjeta` attrici talbet li s-socjeta` konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi

(1) ma ghandix dina l-Qorti taghti s-sentenza u tilqa` t-talba tas-socjeta` attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167, 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u

(2) hekk tikkundanna minnufih lis-socjeta` konvenuta thallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' LM2700.65,0 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq.

Bl-imghax legali mit-22 ta' Dicembru 1999 u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Dicembru 1999 kontra s-socjeta` konvenuta li r-rappresentanti guridici taghha huma ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat in-nota tas-socjeta` attrici li biha rriduciet it-talba bi tnejn u ghoxrin lira Maltin u erba' u disghin centezmu (Lm22.94c) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta li biha ammettiet it-talba kif ridotta;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta` konvenuta, it-talba ridotta tirrizulta pruvata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** fuq ammissjoni tas-socjeta` konvenuta billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** limitatament ghas-somma ta' elfejn sitt mija u seba' u sebghin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm2677.71) u bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**30 ta' Mejju 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**30 ta' Mejju 2001**